

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15116/23

RECH 487

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tas-7 u t-8 ta' Diċembru 2023</i> Il-valorizzazzjoni tar-riċerka bħala għodda għall-irkupru ekonomiku u industrijali u r-reżiljenza - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "Il-valorizzazzjoni tar-riċerka bħala għodda għall-irkupru ekonomiku u industrijali u r-reżiljenza" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fit-8 ta' Diċembru 2023.

Il-valorizzazzjoni tar-riċerka bħala għodda għall-irkupru ekonomiku u industrijali u r-reżiljenza

Dibattitu ta' orientazzjoni

F'dawn l-aħħar snin, id-dinja, inkluż l-Unjoni Ewropea, qed tħabbat wiċċha ma' kriżijiet kontinwi u tiffaċċa sfidi urġenti relatati mal-enerġija u mal-ekonomija li jirrikjedu t-tiżiħ tal-ktajjen tal-valur, speċjalment f'setturi kritiċi bħall-intelliġenza artifiċjali, is-semikondutturi u t-teknoloġiji profondi u diġitali. Jeħtieġ ukoll li l-Unjoni tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'dawk is-setturi strateġiċi u tmexxi l-iżvilupp ta' politiki ġodda biex jinkisbu u jiġu żviluppatti soluzzjonijiet teknoloġiċi li jħallu impatt u li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà b'mod ġenerali. F'dan il-kuntest, il-mexxejja politiċi ssottolinjaw li x-xjenza u l-innovazzjoni għandhom rwol kruċjali biex jibdlu kif sejr in l-affarijiet.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew b'mod attiv il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) permezz ta' Programmi Qafas suċċessivi għar-R&I u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka, b'attivitajiet iddedikati għat-trawwim tal-intraprenditorija fir-R&I, negozji ġodda, SMEs, negozji li qed jespandu u sħubijiet mal-industrija. B'riżultat ta' dan, l-Unjoni kisbet rikonoxximent għall-eċċellenza tagħha fir-R&I, li tinkludi fatturi bħall-kwalità, l-oriġinalità, l-impatt, u l-kontributi. Ta' min jinnota li mhux ir-riċerka xjentifika kollha twassal għal innovazzjonijiet li jiġġeneraw valur għas-soċjetà, u mhux ir-riċerka kollha twieġeb għall-prijoritajiet politiċi. Madankollu, il-massimizzazzjoni tal-impatt tas-sejbiet tar-riċerka bla dubju hija pass kritiku lejn il-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli li ssaħħa is-soċjetà u l-benesseri taċ-ċittadini. Għalhekk, prijorità strateġika Ewropea għandha tkun l-istabbiliment ta' soluzzjonijiet robusti biex jiġu affaċċati l-ostakli finanzjarji u regolatorji tar-R&I.

Taħt il-Prezidenza Ċeka, il-Kunsill tal-UE adotta Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien. Din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fiha ġabra ta' 24 prinċipju gwida foqasma bħall-valorizzazzjoni fil-politika tar-R&I, il-ħiliet u l-kapaċitajiet, l-inċentivi, il-ġestjoni tal-assi intellettuali, ir-rilevanza fl-iskemi ta' finanzjament pubbliku, it-tagħlim bejn il-pari, il-metrika, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. L-ambitu tal-atturi u l-attivitajiet huwa wiesa', jiffoka fuq l-ekosistema kollha tar-R&I, inkluż dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, reġjonali u lokali, u jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati Prattiki u ħiliet intraprenditorjali, kif ukoll il-ħtieġa li jiżdied l-impatt tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tippromwovi wkoll approċċi intraprenditorjali b'enfasi fuq l-użu u l-użu mill-ġdid tal-għarfien biex jiżdied l-impatt u tiddependi fuq l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom f'attivitajiet ta' valorizzazzjoni.

Madankollu, l-UE ssib diffikultajiet biex tisfrutta l-valorizzazzjoni tar-riċerka u toħloq valur soċjali u ekonomiku mill-għarfien. Hemm bżonn li tinħoloq rabta bejn oqsma u setturi differenti u li d-data, l-għarfien espert u r-riżultati tar-riċerka jiġu ttrasformati fi prodotti, servizzi, soluzzjonijiet u politiki sostenibbli li jilhqg b'mod effettiv is-suq u jkun ta' benefiċċju għas-soċjetà. Żewġ ostakli interkonnessi ewlenin ixekklu l-valorizzazzjoni tal-għarfien fl-UE: il-qsim tal-hekk imsejjaħ "wied tal-mewt" u l-indirizzar tal-"paradoss tal-innovazzjoni". It-tnejn jimpedixxu ż-żieda fil-valur soċjetali u l-impatt tal-investimenti fir-R&I. Il-kompiti ċentrali li jinqasam il-"wied tal-mewt" u li jiġi solvut il-"paradoss tal-innovazzjoni" huma stadji kruċjali biex tingħata spinta ġdida lill-prosperità ekonomika tal-Unjoni Ewropea, tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa, u tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi globali.

Il-prinċipji gwida tal-UE għall-valorizzazzjoni tal-għarfien fil-politika tar-R&I għandhom l-għan li jiżguraw li l-attivitajiet iffinanzjati minn fondi pubbliċi jqisu l-aktar użu soċjetali wiesa' possibbli u l-valorizzazzjoni tal-assi intellettuali ġġenerati mill-attivitajiet tar-R&I, filwaqt li jqajmu kuxjenza u jqisu kwistjonijiet ta' sovranità, bl-involviment tal-atturi kollha tal-ekosistema u l-ingranaġġ tal-investimenti privati. Barra minn hekk, l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni tintroduċi approċċi ġodda biex titrawwem il-kooperazzjoni fost l-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej b'enfasi fuq oqsma strateġiċi tat-teknoloġija, bħall-Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali, u tappella għal strateġiji komuni ta' valorizzazzjoni tal-għarfien.

Il-ministri huma mistiedna jesprimu l-opinjoniġiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'inhuma l-isfidi ewlenin marbutin mal-valorizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka biex l-industrija u l-ekonomija tal-UE jingħataw spinta ġdida?
2. Kif nistgħu niżguraw li l-valorizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni twieġeb għall-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali (eż. it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali) b'mod li jikkonforma mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini?
3. X'miżuri nazzjonali implimentajtu biex tippromwovu l-valorizzazzjoni tar-riċerka min-naħa tad-domanda (eż. l-akkwist pubbliku, l-istandards, is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini) u l-programmi ta' ħiliet u taġlim li jagħmluha possibbli biex il-proċess tal-valorizzazzjoni tal-għarfien jinftiehem ukoll mill-perspettiva tal-industrija?
